MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru. 907/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**
**vs**
**Paolo Vella**
**Carmel Agius**
**Pawlu Cutajar**
**Pawlu Casha**
**Joseph Debono**
**Mary Cassar**
**Joseph Vella**
**Carmelo Vella**
**Victor Borg**
**Joseph Cassar**
**Paolo Deguara**
**Guzeppi Mangion**
**Emanuele Mallia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Paolo Vella ta’ 58 sena, bin Giovanni Maria u Antonia nee Borg, imwieled Mosta fis-26 ta’ Ottubru 1946, residenti f’Paulmar House, Triq Salvu Zahra, Mosta u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 951346(M) u l-imputat Carmel Agius ta’ 57 sena, bin Michael u Joan nee’ Micallef, imwieled Zebbug fis-26 ta’ Gunju 1948, residenti f’Sunflower’ Triq Ras il-Qawra, Qawra u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 614948(M) u l-imputat Pawlu Cutajar, ta’ 44 sena, bin Carmelo u Manwela nee’ Attard, imwieled Luqa fil-5 ta’ Frar, 1961, residenti f’King of Vio Stables, Triq it-Tigrija, Mosta, u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 173561(M) u l-imputat Pawlu Casha, ta’ 61 sena, bin Anglu u Karmena nee’ Casha, imwieled Kirkop fid-29 ta’ Lulju 1944, resident f’Casa Madonnina, Triq is-Sindku E Vella, Zebbug u detentur tal-karta ta’ l-idenita bin-numru 663944(M) u l-imputat
Joseph Debono, ta’ 59 sena, bin Emanuel u Filomena nee’ Bonnici, imwieled Qormi fit-28 ta’ Frar, 1946, residenti f’Joecarm House, Triq id-Dragun, Qormi, u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 205946(M) u l-imputata Mary Cassar, ta’ 46 sena, bint Joseph u Maria Concetta nee’ Magro, imwielda Mqabba fit-12 ta’ Jannar, 1959, residenti f’Dar il-Hena, Triq Kirkop, Mqabba, u detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 43159(M) u l-imputat Joseph Vella, ta’ 50 sena, bin John Mary u Carmela nee’ Chetcuti, imwieled San Pawl il-Bahar fid-19 ta’ Mejju 1955, residenti fi 8, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 413855(M) u l-imputat Carmelo Vella ta’ 45 sena, bin Nikola u Teresa nee’ Bellia, imwieled San Pawl il-Bahar fit-28 ta’ Awissu 1959, residenti f’Casa Vella, 158, Triq id-Dawr , Mosta, u detentur tal-karta ta’ l-idenita bin-numru 611959(M) u l-imputat Victor Borg, ta’ 47 sena, bin Ludgardo u Mary nee Pullicino, imwieled Qormi fl-14 ta’ Novembru 1957, residenti f’Casa Marvic, 32, Triq il-Helsien, Qormi, u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 768057(M) u l-imputat Joseph Cassar, ta’ 46 sena, bin Emanuel u Joan nee’ Debattista, imwieled Qormi fil-21 ta’ Gunju 1959, residenti f’55 Mon Reve, Triq l-Ahwa Zammit, Qormi u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 420959(M) u l-imputat Paul Deguara ta’ 54 sena, bin John

u Maria nee' Farrugia, imwieled Rabat (Malta) fl-4 ta' Gunju 1951, residenti fi Block H, Flat 8, Triq Xemxija, Marsa u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 481851(M) u l-imputat Guzeppi Mangion ta' 63 sena, bin Salvu u Nina nee Farrugia, imwieled Zurrieq fis-27 ta' Ottubru 1942, residenti f'Antonia, Triq Dun Guzepp Vella, Qormi, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 643342(M) u l-imputata Emanuele Mallia, ta' 59 sena, bin Giuseppe u Michelina nee Mizzi, imwieled Hamrun fit-12 ta' Dicembru 1945, residenti f'21, Triq Qalb Imqaddsa, Santa Venera, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 1050845(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Billi huma akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, bejn is-sena 1996 u s-sena 2003 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' taghhom ta' membri fil-kumitat tal-Koperattiva Indafa Pubblika (KIP), approprjaw ruhhom, billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuni ohra, l-ammont ta' flus li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1,000) ghad-dannu tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u tal-Gvern ta' Malta; liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-7 ta' Awissu 2007 (inserita a fol. 475 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htiijiet taht dak li hemm mahsub;

1. Paolo Vella:
Fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Carmel Agius:
Fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Mata; kif ukoll fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Pawlu Cutajar:
Fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Pawlu Casha:
Fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. Joseph Debono:
Fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6. Mary Cassar:
Fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
7. Joseph Vella:
Fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
8. Carmelo Vella:
Fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
9. Victor Borg:
Fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
10. Joseph Cassar:
Fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
11. Paul Deguara:
Fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
12. Guzeppi Mangion:

Fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
13. Emanuele Mallia:
Fl-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-20 ta’ Gunju 2008, l-imputat ddikjara li huwa m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semgaht il-provi.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-2 ta’ Frar 2005, l-Ufficcju tat-Taxxi Nterni baghat kwerela (inserita a fol. 100 tal-atti processwali) lill-Pulizija Ezekuttiva fejn talabhom sabiex jinvestigaw allegat kaz fejn il-Koperattiva Indafa Pubblika (KIP) kienet bejn is-snin 1996 u 2003 qatghet is-somma ta’ Lm37,123 f’PAYE/FSS kif ukoll is-somma ta’ Lm74,935.56 f’SSC (kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali) mill-pagi tal-haddiema bl-intiza li dawn jghaddu ghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni izda liema flus baqghu qatt ma gew imhallsa lill-Ufficcju tat-Taxxi Nterni. Wara li l-Pulizija kienet stabbiliet min kienu l-membri tad-diversi kumitati ta’ tmexxija tal-KIP f’dan il-perjodu, procediet bl-interrogazzjonijiet taghhom u fil-maggior parti taghhom dawn il-membri kkonfermaw l-allegazzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni izda stqarrew li ma setghux jaghmlu mod iehor ghall-fatt li sabiex tikkompeti f’dak il-perjodu, il-KIP kellha tnaqqas il-prezzijiet taghha b’dan illi l-operat taghha ma kienx qed irendi profitt. L-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati jinsabu esebiti fl-atti processwali minn fol. 73 sa 99 u dawn huma mmarkati minn Dok. AG2 sa Dok. AG14. Lista tal-kumitati ta’ tmexxija tal-KIP fil-

perjodu ndikat fl-akkuzi jinsab esebit a fol. 72 tal-atti processwali. Mil-provi rrizulta li bejn Jannar 2000 u Frar 2003 il-Gvern kien appunta lil John Micallef sabiex iservi bhala Manager tal-KIP, Meta xehed f'dawn il-proceduri Micallef (traskrizzjoni tax-xhieda nserita a fol. 360 sa 366 tal-atti processwali) spejga kif meta gie seconded fil-KIP sab qaghda finanzjarja dizastruza. Ghall-ewwel huwa kien ghamel pagamenti ta' Lm15,000 bhala taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan sabiex jipprova jirkupra mis-sitwazzjoni hazina li kienet fiha l-KIP izda mbaghad inghata struzzjonijiet sabiex ma jkomplix jeffetwa pagamenti tat-taxxi dovuti lil Kummissarju tat-Taxxi Nterni. A fol. 361, John Micallef xehed is-segwenti:

*'Jiena ghamilt tiett snin nahdem mal-Koperattiva ta' l-Indafa Pubblika u kont nokkupa l-kariga ta' manager...bejn is-sena 2000 u s-sena 2003...Jiena kont responsabbli mill-amministrazzjoni...Jiena dejjem kien hemm il-kumitat fuqi cioe sabiex jissupervizjona x-xoghol tieghi.*

*Meta jiena bdejt nahdem mal-Koperattiva sibt sitwazzjoni fejn l-istess Koperattiva ma kinitx hallset pagamenti ta' VAT, Sigurta' Socjali rigwardanti l-impjegati taghha u lanqas il-landfill tax. Nghid illi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali u t-taxxa dovuta kienu jitnaqqsu mill-pagi relattivi ta' l-impjegati.*

*L-ewwel xaharejn li jiena bdejt ix-xoghol tieghi mal-Koperattiva jiena hallast il-kontribuzzjonijiet socjali ta' l-impjegati izda mbaghad il-kumitat kien tani struzzjonijiet sabiex ma nkomplix neffettwa dawn il-pagamenti minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja li kienet tinsab fiha l-Koperattiva'*

A fol. 361 u 362, John Micallef zied jghid:

*'Meta jiena waqaft neffetwa l-pagamenti tal-kontribuzzjonijiet socjali xorta wahda bqajt innaqqas l-ammont dovut bhala kontribuzzjonijiet socjali bhala taxxa mill-pagi relattivi ta' l-impjegati. Nghid illi kemm jiena u kemm l-avukat tal-Koperattiva u l-accountant Vicky Falzon*

*konna nghidu lill-Kumitat illi dawn il-kontribuzzjonijiet u t-taxxi li kienu qed jitnaqqsu mill-pagi ta' l-impjegati kellhom jithallsu. Dan il-Kumitat kien jirrispondi li l-ewwel jithallsu l-membri u l-haddiema, imbaghad il-Gvern.*

*L-ammonti li kienu jitnaqqsu mill-pagi ta' l-impjegati bhala kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali u t-taxxa dovuta kienu jithallsu lill-membri tal-Kumitat. Dan kien isir fuq struzzjonijiet tal-Kumitat tal-Koperattiva ta' l-Indafa Pubblika'.*

B'referenza ghat-terminazzjoni ta' l-ingagg tieghu mal-KIP, a fol. 362 u 363, John Micallef jghid hekk:

*'Fi Frar tas-sena 2003, il-president tal-Kumitat qalli li ma kellhomx bzonni, tawni ittra u qaluli biex nieqaf mill-impjieg tieghi maghhom u jiena ergajt mort nahdem fil-Ministeru...Ir-raguni moghtija lili ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet illi ma jridux aktar is-servizzi tieghi.*

*Lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jiena kont bghattlu ittra fejn infurmajtu li kont gejt imwaqqaf mill-Kumitat milli nhallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali u t-taxxa dovuta mill-impjegati u lill-president tal-Kumitat ikkonsenjajtlu ittra fejn ghedtlu illi ahna ma konniex qed naghmlu sew li ma nhallsux il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali u tat-taxxa.'*

Illi dan kollu jinsab dokumentat f'ittra datata 12 ta' Awissu 2002 iffirmata minn John Micallef li permezz taghha kien informa lill-President tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-KIP li:

*'wasal iz-zmien li l-Koperattiva tiehu l-passi mehtiga sabiex jithallsu kemm il-hlas tan-National Insurance tal-Haddiema, kif ukoll il-hlasijiet tal-Landfill Tax...Dan ilni nghidulkom, flimkien ma' l-avukat u l-awditur tal-Koperattiva ghal zmien konsiderevoli...Dwar il-Kontribuzzjkonijiet tan-National Insurance infakkarkom fil-parir ta' l-avukat u l-awditur dwar ir-responsabbilta', anke kriminali li intom qed iggorru...Ikun ghaqli li ssir laqgha bejnietna, flimkien ma' l-awditur sabiex isir pjan ghal dawn il-hlasijiet'* (Dok. JM2, fol. 366. Illi dak li qal John Micallef

meta xehed f'dawn il-rpoceduri jinsab  dokumentat ukoll f'ittra ffirmata minnu u li kien baghat lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fl-14 ta' Frar 2003 fejn fiha nforma lid-Direttur li kien '*il-Kumitat tat-Tmexxija ta' l-Istess Koperattiva [li] iddecieda li jwaqqaf il-hlas ta' dawn il-kontribuzzjonijiet*'.  F'din l-ittra esebita a fol. 365 u mmarkata bhala Dok. JM1 John Micallef jiddikjara bl-aktar mod car illi '*jiena ma' dan ma naqbilx.*'

Meta xehed in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar 2010 izda dan l-istess xhud ikkonferma wkoll li saru diversi laqghat ma Ministri u Segretarji Parlamentari tul iz-zmien u li dawn lkoll kienu ben konxji mis-sitwazzjoni finanzjarja dizastruza tal-KIP  u mill-fatt li ma kienux qed jithallsu il-kontribuzzjonijiet u t-axxxi varji minhabba din is-sitwazzjoni. F'dawn il-laqghat il-membri tal-KIP esprimew ix-xewqa taghhom li l-istess KIP tigi xjolta izda l-Gvern ma xtaqx li KIP tigi xjolta ghaliex dan kien jimplika li l-iskart domestiku ma kienx ser ikompli jingabar sabiex b'hekk kienet tinholoq krizi nazzjonali b'riskji kbar ta' sahha. John Micallef spjega li fost il-mizuri li ttiehdu fit-tentattiv li l-KIP tigi fuq saqajha kien hemm anki l-mizura li l-paga tal-membri ta' Lm450 fix-xahar titnaqqas b'Lm50. Gie wkoll spjegat li l-Membri tal-Koperattiva kellhom ihallsu l-ispejjes kollha tad-diesel u tal-maintenance tal-iscamels taghhom minn din il-paga. Dan ix-xhud specifika inoltre li l-membri tal-Kumitat tal-KIP bl-ebda mod ma kienu jircievu direttament il-flus dovuti lil KIP u ma qatt kienu nkarigati jhallsu dak dovut mil-KIP. Huma kienu jiricievu biss il-paga ta' Lm450 fix-xahar u ma kinux jircievu xi ammonti addizjonali tax-xoghol li kienu jaghmlu bhala membri tal-Kumitat.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Angelo Azzopardi in rapprezentanza ta' l-Ufficcju tat-Taxxi Interni fejn a fol. 101 et seq. spjega kif il-figuri ndikati f'Dok. AG jinkludu kontribuzzjonijiet socjali mnaqqsa mill-pagi ta' l-impjegati tal-KIP mill-1998 'il quddiem stante li l-Ufficcju tat-Taxxi Interni ma kienux inghataw hand-over mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ghaz-zminijiet precedenti. L-istess Angelo Azzopardi kien fis-26 ta' Ottubru 2006 esebixxa listi ta' impjegati tal-KIP fil-perjodu ta' l-akkuzi u l-ammonti

mnaqqsa mill-pagi taghhom li wasslu ghall-figuri ndikati f'Dok. AG. Dawn jinsabu mmarkati bhala Dok. AA1 sa Dok. AA8 a fol. 105 sa 303. Fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2007, Angelo Azzopardi kien esebixxa korrispondenza li l-Ufficcju tat-Taxxi Interni kien matul iz-zmien jibghat lill-KIP rigward in-nuqqas ta' hlas taghhom u liema dokumentazzjoni tinsab immarkata bhala Dok. Z1 sa Dok. Z3 minn fol. 357 sa fol. 359 ta' l-atti processwali.

Xhud iehor prodott mill-Prosekuzzjoni fis-26 ta' Ottubru 2006 kien Emanuel Zahra, Segretarju tal-Bord tal-Koperattivi fejn dan esebixxa listi tad-diversi kumitati tal-KIP fil-perjodu ta' bejn l-1996 u l-2003 u dawn jinsabu mmarkati bhala Dok. EZ1 sa Dok. EZ3 a fol. 307 sa 316 ta' l-atti processwali. Fost dokumenti ohra esebiti mill-istess Emanuel Zahra, dan kien esebixxa wkoll l-istatut tal-KIP (Dok. EZ4, fol. 317 sa 330) fejn klawsola numru 8.9 tistabbilixxi li l-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija huma responsabbli *in solidum* ghat-tmexxija ta' l-affarijiet tas-socjeta'. Dan ix-xhud meta xehed in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar 2010 ukoll ikkonferma li l-Membri tal-Kumitat tal-KIP kienu wrew ix-xewqa taghhom li jxolju l-KIP minhabba d-diffikultajiet finanzjarji izda kien hemm riluttanza da parti tal-awtoritajiet li dan isir minhabba ragunijiet ta' nteress pubbliku.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll l-awditur tal-KIP, Nicholas Falzon, (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 397 et seq.) fejn dan qal  is-segwenti:

*'Ma nafx u minix edott jekk sarux laqghat tal-KIP mas-CIR. Lill-Impjegati tal-KIP kienu jinqatghulhom l-NI u l-FS3...Nghid li jiena kont prezenti ghal laqgha li saret ma' Lawrence Gonzi li dak iz-zmien kien Ministru ghall-Politika Socjali. Il-laqgha kienet dwar il-hlas b'lura tal-SSC u f'din il-laqgha kien hemm understanding illi l-Koperattiva kellha kemm jista' jkun thallas l-arretrati u tigi in line skond il-ligi. Naf illi fil-fatt kienu saru xi hlasijiet, pero' sussegwentement il-Koperattiva waslet f'sitwazzjoni fejn ma setghetx tkompli thallas dawn il-kontribuzzjonijiet. Jiena meta rajt illi l-ispejjez tal-Koperattiva kienu aktar mid-dhul taghha u l-operat taghha ma kienx vijabbli kont*

*tajt parir lill-Koperattiva biex ixxolji. Dan kien bejn l-1999 u l-2001'* .

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz in dizamina l-imputati fil-kapacita' taghhom ta' membri tal-Kumitat tal-KIP qeghdin jigu akkuzati bir-reat ta' approprijazzjoni indebita. Illi l-Prosekuzzjoni kif diretta mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni skond il-kwerela li saret referenza ghaliha aktar 'il fuq qed tikkontendi li l-imputati gabru fondi billi naqsu l-pagi tal-impjegati ghall-ammonti dovuti bhala taxxa u kontribuzzjonijiet ghas-sigurta' socjali u minflok ghaddew dawn il-fondi lil Gvern approrijawhom ghalihom sabiex b'hekk it-taxxa u l-kontribuzzjonijiet socjali baqghu ma thallsux. Illi r-reat ta' approprijazzjoni indebita huwa kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali liema Artikoli jipprovdu s-segwenti:-

**293. Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:**

**Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti.**

**294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan jigi maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lill-hati minhabba l-professjoni,industrja, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn.**

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawwru dana ir-reat.

“**Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b’mod specifiku**;(sottolinjar tal-Qorti) **(3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.”**

Illi ghalhekk l-awtur ta’ dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju ta’l-istess oggett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

**“La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell’abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (*uti dominus*). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio”** (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[1]

Illi f’sentenza ohra deciza mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta’ Frar 1997, l-Qorti tispjega b’mod semplici l-elementi ta’ dana ir-reat:

“**Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti**

[1] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta’ Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

**flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.”**

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta’ dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fit-23 ta’ Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta’ dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

***“Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e’ necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta’, a scopo d’indebito profitto per se’ o per un terzo, il dolo sara’ costituito dalla volontarieta’ Della conversasione con scienza della sua illegittimita’, e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d’un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e’ [come nel furto e nella truffa] l’animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell’inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l’esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente***

***pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."***

Illi fil-kaz in dizamina l-Qorti jidrilha li ma jirrikorrux l-elementi kollha mehtiega sabiex jissussisti r-reat ta approprijazzjoni ndebita. Rigward l-ewwel element huwa dubjuz jekk l-imputati fil-kapacita' taghhom ta' membri tal-Kumitat tal-Koperattiva Indafa Pubblika jistghux jitqiesu li effettivamemt rcevew flus minghand terzi bl-obbligu li jew irodduhom lura jew li jaghmlu uzu specifiku minnhom. Dan jinghad ghaliex mill-provi rrizulta li l-membri tal-Kumitat qatt ma rcevew flus dovuti lil Koperattiva huma direttament u qatt ma kienu nvoluti fl-amministrazzjoni tal-fondi liema amministrazzjoni kienet issir mill-Manager tal-Koperattiva, li kien impjegat u mhallas mill-Gvern, u sorveljata mill-awdituri. Jekk izda kellu jitqies li jezisti dan l-element legali zgur li ma hemmx dubju li mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta li l-imputati dejjem qua membri tal-Kumitat tal-KIP dawru bi profitt ghalihom jew ghal haddiehor il-flus fdati lilhom u jsegwi ghalhekk li l-element tad-dolo huwa wkoll nieqes. Dan jinghad ghaliex mill-provi rrizulta li l-imputati mhux talli ma ghamlu ebda profitt meta l-KIP kompliet topera bil-flus li tnaqqsu mill-pagi tal-impjegati, inkluzi taghhom stess, izda huma ghamlu telf kbir sabiex ikomplu jofru dan is-servizz essenzjali ghas-socjeta' u cioe l-gbir tal-iskart domestiku. Il-Qorti f'dan ir-rigward taqbel perfettament ma dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza tat-22 ta' Settembru 2010 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Paolo Vella et' li ma huwiex gust li l-imputati jigu puniti talli gew imgeghla mill-

Gvern jibqghu joperaw il-KIP meta huma riedu jxolju l-istess koperattiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mil-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------